MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 123/2012

Kawza fil-lista: 16

**A B**

**vs**

**C B f'isimha proprju u bhala kurattrici tal-minuri D B**
**id-Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**E F**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu wara li ppremetta-

Illi hu kien izzewwg lill-konvenuta C B fil-24 ta' Gunju 2005;

Illi l-esponenti kien ilu separaa de facto minn martu minn Gunju 2008 u f'dan iz-zmien kollu hu qatt ma kkoabita jew kellu relazzjonijiet sesswali maghha;

Illi l-esponent ghadu kif sar jaf f'dawn l-ahhar jien li l-intimata kellha tarbija minn certu E F ;

Illi kif jirrizulta, dan il-minuri twieled fis-27 ta' Marzu 2012 u hu sess maskili u jismu D B;

Illi peress li l-partijiet ghadhom m'humiex legalment separati, ir-rikorrent gie imnizzel bhala missier il-minuri fic-certifikat tat-twelid;

Illi r-rikorrenti ma jridx illi jibqa' jidher li hu missier il-minuri fuq ic-certifikat tat-twelid, meta l-att tat-twelid ma jirriflettix ir-realta', lanqas dik socjali;

Illi l-kjamat in kawza, E F huwa l-missier bijologiku tal-minuri D;

Talab li din l-Qorti

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-minuri D B ma hux il-wild naturali tar-rikorrent u li r-rikorrent m'huwiex il-missier naturali tal-istess;

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri D B mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier il-kliem 'A B', in-numru tal-karta tal-identita' tar-rikorrent, il-professjoni jew sengha tar-rikorrent, l-eta' il-post tat-twelid u residenza tar-rikorrent kif ukoll isem u kunjom missier ir-rikorrent, u jekk l-imsemmi missieru huwiex haj jew mejjet, u tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel talba u jekk mehtieg, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti;

3. Tordna skont dak li jipprovdi t-tieni proviso tal-artikolu 73 tal-Kap 16, li l-kunjom tal-minuri ma jibqax jaqra 'B';

4. Tiddikjara lill-kjamat in kawza E F bhala l-missier tal-minuri D B, liema talba giet mizjuda b' digriet tal-15 ta' Novembru 2012 wara li bl-istess digriet gie kjamat in kawza E F.

Bl-ispejjes kontra l-intimata.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat id-dokumenti ppprezentati;

Rat ir-risposta guramentat tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha espona:

1. Illi in vena preliminari, huwa essenzjali ghall-integrita' tal-gudizzju li E F jkun imsejjah fil-kawza galadarba f'din l-istanza qed jinghad mill-attur illi l-minuri D B huwa wild ta' l-imsemmi E F;

2. Illi preliminarjament trattasi minn kawza ta' denegata paternita' r-rikorrenti jehtieglu jipprova u jissodisfa tal-inqas wahda mic-cirkostanzi komminati fl-Artikolu 70 (1) tal- Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi salv il-premess, mill-bqija ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizulatanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti. Madankollu attiz in-natura partikolari ta' din l-azzjoni odjerna l-esponenti jhoss opportun li huwa fl-ahjar interess tal-minuri D B, li din l-Onorabbli Qorti tuza' s-setgha taghhha taht l-Artikolu 70 (3) billi tistieden lill-partijiet involuti f'dawn il-proceduri sabiex joqghodu ghall-ezamijiet u l-analizi mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-kaz;

4. Illi subordinatament f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti , din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li jigu mnehhija l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem A B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn

jemm indikati t-taghrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid numru 1524/2012;

5. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilwaq' t-talbiet tar-rikorrenti il-minuri D B trid taghzel liema kunjom ha zzomm wara l-annotazzjonijiet rispettivi;

6. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur.

Rat in-nota ta' C Attard f'isimha propju u bhala kuratrici tal-minuri Laim B;

Rat ir-rikors tal-attrici u d-digriet moghti fil-15 ta' Novembru 2012 fejn laqghet il-kjamat in kawza ta' E F, temenda ir-rikors guramentat u tizdied ir-raba talba;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-ispizjara Dottoressa Marisa Cassar.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavits prezentat mill-attrici u x-xhieda moghtija via voce.

Ikkonsidrat:

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li tifel D B li twieled fil-27 ta' Marzu 2012 li fl-att tat-twelid tieghu gie registrat bhala bin l-attur A B huwa fil-fatt iben il-konvenut E F.

**Provi**

Illi mill-provi jirrizulta provat li l-attur kien ilu separat de facto min martu l-intimata C B minn Gunju 2008 u tul dan iz-zmien qatt ma kellu relazzjoni sesswali maghha. Il-konvenuta bdiet relazzjoni ma' E F fis-sena 2009 u b'rizultat ta' din ir-relazzjoni fis-27 ta' Marzu 2012 welldet tifel D B u peress li ma kienux ghadhom separati legalment fic-certifikat tat-twelid gie imnizzel li l-attur huwa missier il-minuri. Il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-konjugi gie ffirmat wara dan it-twelid fil-25 ta' Mejju 2012.

It-testijiet tad-DNA jikkonfermaw xjentifikament li l-minuri hu iben E F.

**Konsiderazzjonijiet:**
Fl-ewwel lok jirrizulta li din hija kawza ta' denegata paternita u giet intavolata fit-terminu legali dettat mill-Artikolu 70 (1) (d) tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi r-ragel jista' jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg:

(a) Jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kienet ghamlet adulterju jew kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor (li jista wkoll ikun testijiet u provi genetici u xjentifici) li x'aktarx jeskludi dik il-paternita'"

Jirrizulta wkoll li l-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-terminu tal-artikolu 75 tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:-

(1) L-azzjoni sabiex tincahad il-paternita ghandha titmexxa - kontra t-tifel jekk ikun tal-eta'; jew jekk ma jkunx tal-eta' jew ghal raguni ohra ma jkunx tajjeb biex joqghod f'kawza kontra kuratur mahtur mill-Qorti li quddiemha tingieb il-kawza: izda l-Qorti tista' tahtar it-tutr li t-tifel ga jkollu;

F'kull kaz, l-omm ghandha tigi msejha fil-kawza.

U fit-termini ta' l-artikolu 73 (C) tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:

“Fil-kazijiet illi r-ragel jista jaghmel l-kawza sabiex jichad li jaghraf tifel bhala ibnu, hu ghandu jaghmel l-azzjoni:

Fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien gie lilu mohbi.

Una volta l-azzjoni promossa mill-attur hija intiza sabiex tbiddel radikalment il-kontenut ta’ att tat-twelid l-Qorti hija fid-dover timxi b’kawtela kbira stante li l-akkoljiment ta’ talba ghad-denegata paternita twassal ghal krejazzjoni ta’ qaghda guridika gdida ghall-minuri in sostituzzjoni ta’ dik attwali.

Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 70 (1) fuq citat tirnexxi jehtieg illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti:-

L-azzjoni promossa mir-ragel tigi istitwita kontra (a) il-mara tieghu (b) u l-wild taghha jew kuratur nominat.

Fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jinkixef il-qerq.

Tipprova anke b’testijiet u provi genetici u xjentifici li x’aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.

Mill-atti jirrizulta li t-tlett rekwiziti huma sodisfatti.

**Decide.**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa l-ewwel talba u tiddikjara illi l-minuri Laim B ma hux il-wild naturali ta' A B u li A B m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri;

2. Tilqa’ t-tieni talba fl-intier taghha u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri D B mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier il-kliem 'A B', in-numru tal-karta tal-identita' ta' A B, il-professjoni jew sengha ta' A B, l-eta' il-post tat-twelid u residenza ta' A B

kif ukoll isem u kunjom missier A B, u jekk l-imsemmi missieru huwiex haj jew mejjet, u tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel talba u jekk mehtieg, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti;

3. Tilqa’ t-tielet talba tordna skont dak li jipprovdi t-tinei proviso tal-artikolu 73 tal-Kap 16, li l-kunjom tal-minuri ma jibqax jaqra 'B';

4. Tilqa’ r-raba’ talba u tiddikjara li l-kjamat in kawza E F huwa missier il-minuri D B u ghalhekk tordna li fic-certifikat tat-twelid tal-minuri jitnizzel l-isem, il-kunjom u l-konnotati ta’ E F bhala l-missier.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------